MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 496/2011

**Raymond Mifsud (K.I. 556664M)**

**Vs**

**Geomike Limited (C-8820) u**

**John Cauchi (K.I. 101257M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur pprezentat fl-14 ta' Gunju, 2011 fejn ippremetta:

Peress illi l-attur kien gie nkarigat mill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex jaghmel xogholijiet ta' irham fil-Cote d'Azur Restaurant, li jinsab f' St. Anthony Street, Marsascala;

U peress li l-attur effettivament esegwixxa dawn ix-xogholijiet u ssupplixxa materjal biex seta' jsir dan ix-xoghol.

Illi l-hlas dovut lill-attur ghal dawn ix-xoghol minnu esegwit u materjal supplit jammonta ghal elfejn tmien mija u tmienja u tmenin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,888.24c).

Illi l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu din is-somma izda inutilment, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment (jew min minnhom) ihallsu lill-attur is-somma ta' elfejn tmien mija u tmienja u tmenin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,888.24c), dovuta kif hawn fuq spjegat, u dan kollu prevja dikjarazzjoni illi dawn ix-xogholijiet ta' irham gew effettivament rezi mill-attur fil-Cote D'Azur Restaurant, li jinsab f'St. Anthony Street, Marsascala.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta' John Cauchi, pprezentata fl-4 ta' Lulju, 2011, fejn ippremetta:

Illi l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur stante li, kwalsijasi xogholijiet maghmula mill-attur saru fuq istruzzjonijiet, inkarigu u a beneficcju tal-kumpanija konvenuta Geomike Limited, liema kumpanija hija fil-fatt il-proprjetarja tal-fond 'Cote d'Azur Restaurant' in konnessjoni ma' liema fond appuntu saru x-xogholijiet esegwiti mill-attur u l-materjal supplit;

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nsostenibbli fil-konfront tal-eccipjent stante li x-xogholijiet in kwistjoni saru  u l-materjal gie supplit esklussivament a beneficcju kif ukoll fuq ordni tal-imsemmija kumpanija Geomike Limited (C8820).

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut mill-eccipjent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta prezentata fil-5 ta' Dicembru, 2011 fejn ippremettiet:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti socjeta' ma hiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti stante illi hija, fl-ebda hin u waqt ma dahlet f'xi trattativi mar-rikorrenti u fl-ebda hin ma awtorizzat lil imsemmi John Cauchi sabiex hu jidhol f'xi trattativi mal-istess rikorrenti ghaldaqstant gialadarba jirrizulta li kull trattativa saret ma' certu John Cauchi, li la hu ufficjal, azzjonist u lanqas ma kien awtorizzat jirraprezenta lis-socjeta' ecepjenti kull azzjoni ghandha tigi diretta lilu peress illi huwa dejjem agixxa f'ismu u minn jeddu ghal-liema raguni s-socjeta' esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-mertu, t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li John Cauchi u s-socjeta' esponenti huma persuni legalment distinti u s-socjeta' esponenti qatt ma ordnat ix-xogholijiet imsemmija fl-avviz tat-talba.

3.Salv eccezzjonijiet ohra u kull azzjoni ohra li tista tispetta lis-socjeta' esponenti kontra l-istess John Cauchi.

Ra l-affidavits ta' Raymond Mifsud (a folio 20) u ta' George Cauchi (a folio 34).

Sema' x-xhieda ta' John Cauchi (a folio 17) u ta' George Cauchi (a folio 18)

Ra l-affidavit ta' Raymond Mifsud;

Ra d-dokumenti prezentati ;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra l-verbal tal-25 ta' Jannar, 2014 li bih thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidera,

Permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob lill-konvenuti Geomike Limited u John Cauchi, flimkien u solidalment bejniethom, (jew min minnhom) jigu kkundannati jhallsuh is-somma bilancjali ta' elfejn tmien mija u erbgha u tmenin (€2,884) rapprezentanti l-valur ta' xogholijiet ta' irham li hu ghamel fl-istabilliment 'Cote D'Azur Restaurant', St. Anthony Street, Marsascala.

Illi johrog car illi l-kontestazzjonijiet fit-talba odjerna hija dwar ir-responsabilita' tal-hlas biss. Iz-zewg konvenuti qeghdin jippremettu illi mhumiex il-legittimi kontradituri. Il-konvenut John Cauchi kkontesta t-talba attrici illi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li mhuwiex il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur ghaliex kwalsiasi xogholijiet esegwiti minnu saru fuq struzzjonijiet, inkarigu u a beneficcju tas-socjetà konvenuta 'Geomike Limited', li effettivament hija l-proprjetarja' tal-fond 'Cote D'Azur'. Zied ukoll illi t-talbiet attrici huma nsostenibbli fil-konfront tieghu ghaliex saru esklussivament a beneficcju kif ukoll fuq ordni tas-socjeta' 'Geomike Limited'. Filwaqt li s-socjeta' konvenuta 'Geomike Limited' *da parte*

taghha kkontestat it-talbiet attrici li mhijiex il-legittimu kontradittrici u qatt ma dahlet f'relazzjoni ta' negozju mal-attur u galadarba t-trattativi kienu ma John Cauchi li mhuwiex Azzjonist u lanqas Direttur tas-Socjeta' konvenuta kull azzjoni ghandha tkun diretta lejh.

Illi ghalhekk johrog car mill-eccezzjonijiet sollevati illi m'hemmx kontestazzjoni tas-segwenti fatti: li l-attur ghamel ix-xoghlijiet f'Cote D'Azur Restaurant, St. Anthony Street, Marsascala, tax-xoghol li sar, u tal-quantum tal-ammont pretiz mill-attur. Ghalhekk il-kontestazzjoni u l-qofol tal-kwistjoni hija r-responsabilta' tal-hlas ta' dan l-ammont.

Mill-provi jirrizulta s-segwenti:

Fl-affidavit tieghu **Raymond Mifsud** iddikjara illi huwa ghamel xi xoghol ta' tqeghid ta' irham. Kien ikkuntattjah John Cauchi biex jaghmel xoghol ta' tqeghid ta' irham fil-parapett, kcina, t-turgien, sollijiet, *skirting* u xoghol iehor. Kien iltaqa' ma John Cauchi fuq is-sit *ossia* l-hanut 'Cote D'Azur', St Anthony Street, Marsascala. Kellu jiehu hsieb li jixtri l-materjal kollu u wara li jaghmel ix-xoghol kellu jithallas ghal kollox u jigi rifuz. Ghamel sebat ijiem xoghol. Iddikjara li kemm George kif ukoll John Cauchi kienu jkunu fuq is-sit jiddiskutu x-xoghlijiet. Id-dikors li sar quddiemu kien li l-ahwa kienu shab fin-negozju. Kien aktar tard li sar jaf li 'Cote D'Azur' kien propjeta' ta' 'Geomike Limited'. Kien ghamel xoghol qabel u kien thallas, imbaghad kienu regghu talbuh jaghmel xoghol

iehor.[1] Ghax- xoghol l-iehor li kien ghamel kien thallas minn John Cauchi. Kienu marru flimkien il-Bank fejn John Cauchi kien ipprezenta dokument u kien thallas. Fl-affidavit iddikjara li ghall-ewwel George Cauchi kien qallu li ser jhallsu u kien qed jistenna li jiehu r-*refunds* mill-VAT – kien hawnhekk li sar jaf illi il-propjeta' kienet ta' 'Geomike Limited'. Aktar tard id-diskors nbiddel u George qalu li kellu jhallsu huh imma lil John Cauchi ma regghax rah fuq is-sit.

Fix-xhieda tieghu[2] hu kkonferma li meta kien jaghmel ix-xoghol kienu prezenti t-tnejn. Ikkonferma li l-ahwa tawh l-impressjoni li kienu shab fin-negozju. It-tnejn kienu jaghtuh istruzzjonijiet.

Meta kien talab il-flus John Cauchi kien qalu li kien qed jagixxi ghall-'Geomike' u ghalhekk il-flus kellhom jithallsu minn 'Geomike'. Meta kien javvicina lil George Cauchi kien jirreferih ghal John Cauchi. Illi ghalhekk ha passi kontra 'Geomike Limited' u John Cauchi personalment.

**John Cauchi** fix-xhieda tieghu ddikjara illi kien jaf lill-attur u li l-ewwel darba kienu baghtuh Hal Mann biex jirranga xi difetti ta xoghol. Konferma li kemm huh u hu stess kienu jikkommunikaw mal-attur. Ma kienx hemm *complaints* dwar ix-xoghol. Skont hu x-xoghol li ghamel kien kollu ghar-restaurant 'Cote D'Azur' u li dan thallas ghalih hlief ghall-ahhar pagament.

[1] A fol 25 tal-process
[2] A fol 25 tal-process

Wiehed mill-pagamenti kien hareg mill-*loan*.

**George Cauchi** fl-affidavit tieghu kkonferma illi 'Geomike Limited' hija sid 'Cote d'Azur' licenzjat bhala *bar and restaurant*. Kien joperah hu flimkien ma' xi haddiema tieghu. Fis-sena elfejn u sebgha (2007) waqaf biex jaghmel rinovazzjoni. Huh, John Cauchi, kien wera' x-xewqa li jaghmel investiment fin-negozju u eventwalment jidhol bi shab mieghu. Illi hu kien dahal fi ftehim ma' huh biex jaghmel *renovation* tal-post. Huwa dejjem kien impjegat *full-time* u ghalhekk halla r-*refurbishment* f'idejn huh bil-ftehim li huh kien ser jinvesti fil-progett billi jgib flus li kellu barra minn Malta. Dawn pero' qatt ma waslu. Sahansitra hadu *loan* mill-Bank ghar-*refurbishment* fuq il-kumpanija u l-istabilliment u b'John bhala garanti

Fil-kaz odjern hu kien qabbad lil 'Saliba Marble and Granite' pero' ghal xi raguni lil huh ma ghogbux ix-xoghol u qabbad lil Raymond Mifsud. Raymond Mifsud infatti thallas mill-kont tal-*loan* tal-Bank. Illi pero' mbaghad ma kienx baqa' aktar flus il-Bank, il-flus li huh kellu jgib minn barra minn Malta qatt ma waslu u l-flejjes li kellu jiehu mill-VAT qatt ma thallsu lilu.

Zied li minkejja l-arrangament mal-Bank ghas-self ta' tlett mija u sebghin elf ewro (€370,000) huh kien tella' l-ammont sa hames mitt elf ewro (€500.000). Hu qatt ma setgha jawtorizza aktar flus mis-self li hadu mill-Bank. Hu kien jghid lil huh biex jieqaf milli jkompli, pero' bit-tama li

dejjem kienu ser jigu dawn il-flus minn barra, izda hu baqa' ghaddej. Infatti kien huh li kien jitkellem mal-Bank u kien huh li dahal bhala garanti mal-Bank.

Infatti John Cauchi kien jaghmilha ta' *partner*, azzjonist u anke *shareholder* minhabba l-arrangament li kellu mieghu li kien ser jinvesti fil-kumpanija, tant hu hekk li ntavola kawza kontra is-socjeta' 'Geomike' billi hu qed jallega li sar *share transfer.*

**Ikkunsidera**

Illi hareg mill-provi li:

- 'Cote D'Ázur', il-hanut fejn saru x-xoghlijiet li ghalih qed jitlob il-hlas, huwa il-propjeta' ta' 'Geomike Limited'.
- L-attur tkellem mal-ahwa John Cauchi u anke ma' George Cauchi u li l-impressjoni li nghata kien li kienu qeghdin jahdmu bi shab fin-negozju.
- George Cauchi huwa sal-lum l-uniku Azzjonist registrat mal-MFSA ta' 'Geomike Limited'.
- Kemm John Cauchi qal li kien inkarigat jiehu hsieb ir-*renovations*[3] u kemm George Cauchi stess ammetta illi huh kien gie qed jiehu hsieb tar-*renovations u bi promessa tieghu ta' nvestiment hallejt f'idejh'.*[4]

[3] Ara xhieda ta' John Cauchi
[4] Ara affidavit a fol 35 tal-process

Rigward l-eccezzjoni sollevata tal-legittimu kontradittur il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Anthony Caruana *et* vs John Magro *et*** [5] sostniet is-segwenti:

*'Illi tezisti l-prezunzjoni illi bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontradent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qed jikkontratta f' isem haddiehor.*

*Ghalhekk il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.'* [6]

Fi ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'*** [7] il-Qorti sosniet:

*'Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika 'prima facie' jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha*

[5] Qorti tal-Appell, 6 ta' Ottubru, 1999
[6] Ara ukoll Camel Brand Co Limited vs Michael Debono 21/3/2002
[7] Deciza nhar l-5/10/2001 mill-Qorti tal-Appell.

*obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn  haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza'.*

Fil-kawza odjerna l-attur ha passi kemm kontra John Cauchi kif ukoll kontra 'Geomike Limited'. Illi f'dan il-kaz jirrizulta bic-car kemm mix-xhieda li ta l-attur kif ukoll tal-konvenuti stess illi l-attur kien inkarigat maz-zewgt ahwa Cauchi, George Cauchi huwa id-Direttur, Azzjonist ta' 'Geomike Limited'.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta' 'Geomike Limited', George Cauchi in rapprezentanza taghha, accetta u qal illi John Cauchi kien biss mandatarju u ghalhekk ma kienx qed jagixxi f'ismu.  Illi pero' l-argument tieghu kien li huwa ecceda l-mandat tieghu meta mar oltre l-valur tal-*loan* tal-Bank *ossia* t-tlett mija u sebghin elf (€370,000). Illi ghalhekk peress illi l-ammont dovut ghax-xoghlijiet li twettqu fl-istabilliment

jaqbzu l-istima li nghata, hu wettqu f'ismu propju u ghalhekk ghandu jinsab responsabbli hu personalment.

Illi t-Tribunal ma jistax jaqbel mas-socjeta' konvenuta ghaliex George Cauchi (Direttur u Azzjonist ta' 'Geomike Limited') kien involut meta nkarigaw lill-attur, infatti qatt ma kien hemm ilment dwar ix-xoghol. Ghalhekk mhux biss kien jaf bl-inkarigu imma anke bil-ftehim mal-attur. Illi anke jekk ma kienx jaf bid-dettal tal-ftehim, *ossia* r-rati etc., ma ngabitx evidenza li kellu xi problema bl-inkarigu.  Kien prezenti wkoll meta l-attur kien qed jahdem u kien jaf li thallas bil-loan. Illi *di piu* t-tezi li ecceda l-mandat tieghu ma jreggiex anke meta tiehu in konsiderazzjoni tal-fatt li George Cauchi stess irrikonoxxa x-xoghol maghmul u ghall-ewwel accetta r-responsabilita' nfatti hu stess talab lil Micallef il-beneficcju taz-zmien biex jkun jista' jhallas ghaliex kien offra li jhallas lill-attur meta jithallas mill-VAT *Refunds*. Jidher illi wara biddel il-hsieb (ghall-ragunijiet li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-attur u x-xoghol esegwit minnu) *ossia* minhabba id-dizgwid bejnu u huh John Cauchi; u n-nuqqas ta' fondi fis-socjetà konvenuta.

It-Tribunal jirrileva illi hu ghandu l-obbligazzjoni li jiddeciedi l-kawzi skont l-ekwita'. Illi l-fatt li hemm problemi serji bejn l-ahwa dan m'ghandux jippregudika d-dritt li jithallas lavrant li ezegwixxa x-xoghol tieghu. Illi t-Tribunal ma jistax jinjora element importanti, cioe' illi x-xoghol li sar kien ghall-beneficcju ta' 'Cote d'Azur' li huwa il-propjeta' ta' 'Geomike Limited'. Tenut kont ta' dawn il-fatti kollha u l-fatt li x-xoghol, li sar skont is-sengha u l-arti u minghajr l-ebda lment, sar gewwa 'Cote d'Azur' li

jappartjeni lil 'Geomike Limited' u mhux lil John Cauchi ghandu ghalhekk jithallas ghalih minn 'Geomike Limited'.

Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Cauchi u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Filwaqt li fil-kaz ta' 'Geomike Limited' jichad l-eccezzjoni *stante* illi gie ppruvat illi hemm relazzjoni guridika ma' l-attur.

Dwar il-meritu, ghalhekk, peress illi ma kienx hemm kontestazzjoni fuq dan, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa't-talba attrici fis-somma ta' elfejn tmien mija u tmienja u tmenin u erba u ghoxrin centezmu (€2,888.24) bl-imghaxijiet jiddekkoru mis-sentenza sal-gurnata tal-pagament effettiv bl-ispejjez kollha tal-kawza jigu ssoportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------